

NOTA TA' GWIDA 1

Suġġett: Devjazzjoni ta' kultant minn limiti minimi ta' mistrieħ u limiti massimi ta' sewqan biex jinstab post ta' waqfien xieraq.

Artikolu: L-Artikolu 12 tar-Regolament(KE) Nru 561/2006

Metodu li għandu jkun segwit: L-Artikolu 12 għandu dispożizzjonijiet li jippermettu lil sewwieq li jagħmel devjazzjoni mir-rekwiżiti minimi għal-mistrieħ u mill-ħin massimu tas-sewqan skond l-Artikoli 6 u 9 biex jinstab post ta' waqfien xieraq. Dan l-Artikolu ma jagħtix awtorizzazzjoni lil sewwieq li jidderoga mir-Regolament għal raġunijiet magħrufa qabel jibda l-vjaġġ. Huwa mfassal biex sewwieqa jkunu jistgħu jittrattaw ma' każi fejn mingħajr ma jkun mistenni jsir impossibbli li jimxu mar-Regolament matul il-vjaġġ, jiġifieri f'sitwazzjonijiet ta' diffikultajiet mhux normali, indipendenti mir-rieda tas-sewwieq u apparentament inevitabli li ma jistgħux jiġu antiċipati, anki jekk jittieħdu l-prekawzzjonijiet kollha. Id-deroga għandha wkoll il-funzjoni li tassigura s-sigurtà tal-persuni, tal-vettura, u tat-tagħbija u r-rekwiżit li s-sigurtà stradali għandha f'kull każ tittieged f'kunsiderazzjoni.

Tliet partijiet għandhom ċerti obbligi fir-rigward ta' sitwazzjonijiet bħal dawn:

1) L-impriża ta' trasport għandha tippjana tajjeb il-vjaġġ bla periklu għas-sewwieq billi tipprevedi, pereżempju, konġestjonijiet tat-traffiku regolari, kundizzjonijiet tat-temp u aċċess adegwat għal postijiet ta' parkeġġ, jiġifieri, għandha torganizza x-xogħol b'tali mod li s-sewwieqa jkunu kapaċi jimxu mar-Regolament u għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġiet ta' l-ispedituri u tal-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni dwar ipparkjar mingħajr periklu

2) Is-sewwieq għandu rigorożament jimxi mar-regoli u mhux jiddevja mil-limiti tal-ħin tas-sewqan jekk ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li ma jkunux mistennija u jkun impossibbli li jimxi mar-Regolament mingħajr ma jipperikola s-sigurtà stradali u s-sigurtà tal-persuni, tal-vettura jew tat-tagħbija fuq il-vettura. Jekk sewwieq jiddeċiedi li jkun jeħtieġlu jitbiegħed mir-Regolament u li b'dan ma jkunx qed jipperikola s-sigurtà stradali, is-sewwieq għandu jindika n-natura u r-raġuni għad-deroga manwalment (fi kwalunke lingwa tal-Komunità, fuq ir-*record sheet* jew fuq il-*printout* mat-tagħmir li jirrekordja jew fuq ir-*roster* tax-xogħol) minnufih wara li jieqaf.

3) L-uffiċjal ta' l-infurzar għandu juża d-diskrezzjoni professjonali meta jikkontrolla sewwieq u janalizza jekk id-devjazzjoni mil-limiti ta' sewqan tkunx ġustifikata.

Meta jeżamina l-leġittimità tad-devjazzjoni abbażi ta' l-Artikolu 12, iċ-ċirkustanzi kollha għandhom ikunu eżaminati kif suppost minn uffiċjal ta' l-infurzar, inklużi:

(a) ir-rekords tad-dettalji tas-sewqan tas-sewwieq biex jistabilixxi l-imġiba normali tas-sewwieq u u biex jivverifika jekk is-sewwieq normalment jimxix jew le mar-regoli dwar il-ħinijiet ta' sewqan u dawk ta' mistrieħ, u li d-devjazzjoni hi waħda mhux normali;

(b) id-devjazzjoni mil-limitu massimu tal-ħin ta' sewqan ma għandhiex tkun ssir b'mod regolari u trid tkun ikkawżata minn ċirkustanzi eċċezzjonali bħal: inċidenti serju tat-traffiku, kundizzjonijiet tat-temp estremi, devjazzjonijiet fit-triq, l-ebda post fil-parkeġġ, eċċ. (*Din il-lista ta' ċirkustanzi eċċezzjonali hija biss indikattiva. Il-prinċipju tal-valutazzjoni huwa li l-għan tad-devjazzjoni mil-limiti tas-sewqan ma għandux ikun magħruf jew saħansitra possibbilment prevedibbli minn qabel*);

(ċ) il-limiti ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għandhom ikunu rispettati, għaldaqstant is-sewwieq ma għandu jkollu ebda 'gwadann ta' ħin' billi jaqbeż il-limitu tas-sewqan biex isib post ta' parkeġġ;

(d) id-devjazzjoni mill-ħin ta' sewqan ma għandhiex twassal għal tnaqqis fil-waqfiet mix-xogħol u fil-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa kif meħtieġ.

Kumment: Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, Kawża C-235/94